

# Marija fil-Mużika (8)

minn Ivan Attard,
l-Organista tas-Santwarju Nazzjonali
tal-Madonna Ta' Pinu

**"Issa, o Sid,**
**tista' tħalli l-qaddej tiegħek**
**imur fis-sliem, skond kelmtek,**
**għaliex għajnejja**
**raw is-salvazzjoni tiegħek**
**li int ħejjejt għall-popli kollha,**
**dawl biex idawwal il-ġnus**
**u l-glorja tal-poplu tiegħek, Israel!"**
(Lq 2:29-32).




Dan huwa l-innu ta' tifħir lil Alla - in-*Nunc Dimittis* - li x-xwejjaħ profeta Xmuni għanna dakinhar li Marija u Ġużeppi ppreżentaw lil binhom Ġesù fit-Tempju. Peress li l-preżentazzjoni ta' Ġesù saret erbgħin jum wara t-twelid tiegħu, kif kien preskritt fil-liġi Lhudija, il-Knisja Universali tfakkar din il-ġrajja bil-grad liturġiku ta' 'festa' fit-2 ta' Frar. Għalkemm żmien il-Milied jintemm bil-festa tal-Magħmudija tal-Mulej, il-festa tal-Gandlora tagħlaq dak li jissejjaħ iċ-'ċiklu' tal-Milied, peress li l-Preżentazzjoni tat-tarbija Ġesù fit-Tempju hija l aħħar misteru fil ħajja ta' Kristu li hu marbut mat-twelid u t-tfulija tiegħu. Qabel ir-riforma tal-kalendarju liturġiku, din il-festa kienet waħda Marjana u kienet tissejjaħ il-festa tal-Purifikazzjoni tal-Madonna.

Bħalma l-Kantiku ta' Żakkarija jingħad fit-talba tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u l-Kantiku ta' Marija jingħad fit-talba tal-Għasar, dan il-Kantiku ta' Xmuni l-profeta jingħad fit-Talba ta' Għeluq il-Jum. Huwa għandu importanza kbira fil-Knejjes Anglikani u fil-Knejjes tal-Orjent. F'dawk il-Knejjes li jużaw ir-Rit Luteran, in-*Nunc Dimittis* jingħad bħala talba ta' ringrazzjament wara t-Tqarbin. Kienu bosta l-kompożituri li ħolqu arranġamenti u kompożizzjonijiet mużikali fuq il-kliem ta' dan l-innu liturġiku.

**Peter August Schnecker** twieled f'Hesse-Darmstadt, il-Ġermanja, nhar is-26 ta' Awwissu 1850. Huwa mar fl-Istati Uniti tal-Amerika fl-1865 u studja ma' S.P. Warren fil-Konservatorju ta' Leipzig. Bejn l-1870 u l-1880, Schnecker kien assistent organista tal-knisja ta' San Tumas fi New York. Fl-1872 huwa ġie mlaħħaq bħala l-organista u d-direttur mużikali ta' wieħed mill-korijiet ewlenin fl-Istati Uniti. Huwa kkompona bosta bi"iet mużikali għall-pjanu u mużika popolari li tindaqq fil-knejjes. Schnecker kiteb *Nunc Dimittis in F major* fuq l-istil Romantiku għal kor b'erba' vuċijiet (SATB) bl-akkumpanjament tal-orgni.

**Tomás Luis de Victoria** (1548-1611) kien l-aktar kompożitur magħruf tas-seklu sittax fi Spanja u wieħed mill-aktar importanti f'dik l-epoka flimkien ma' Giovanni Pierluigi da Palestrina u Orlando di Lasso. Huwa ma kienx biss kompożitur iżda wkoll organista u kantant tajjeb. Madankollu, huwa kien jippreferi jaħdem ta' kompożitur milli ta' organista. Fost in-numru kbir ta' kompożizzjonijiet li għandu nsibu n-*Nunc Dimittis* miktub fuq l-istil Rinaxximentali għal kor b'erba' vuċijiet. Dan ix-xogħol ġie ppubblikat għall-ewwel darba fl-1600.

Il-kompożitur kontemporanju **Edward Lambert** kiteb *Nunc Dimittis* fuq l-istil modern għal kor b'erba' vuċijiet bl-akkumpanjament tal-orgni.

**Peter G. Dyson** huwa surmast Ingliż u d-direttur mużikali tal-*Belmont Ensemble* ta' Londra. Huwa studja fir-*Royal Academy of Music* ta' Londra u dderieġa numru kbir ta' orkestri magħrufa, fosthom il-*Latvian Philharmonic*, il-*Macedonian Philharmonic*, il-*Guatemala National Symphony*, is-*South Bohemian Chamber Orchestra*, u n-*New Queens Hall Orchestra*. Fis-sena 2000, Dyson ġie elett bħala *Associate* tar-*Royal Academy of Music*. Mis-sena 1991 sal-lum, Peter Dyson ta '1 fuq minn 450 kunċert fil-knisja ta' San Martin f'Londra flimkien mal-*Belmont Ensemble*. Fl-2001 u fl-2004 dan il-kompożitur Ingliż kiteb żewġ xogħlijiet ibbażati fuq il-kliem tal-innu *Nunc Dimittis*. Fl-2001 ix-xogħol inkiteb fuq stil modern għal kor b'erba' vuċijiet *a cappella*, filwaqt li fl-2004 il-mużika ġiet miktuba għal tenur, baritonu u baxx.

**James C. Burke** kiteb *Nunc Dimittis* fl-1977 għal vjolin bl-akkumpanjament tal-pjanu.

Fl-1983, **Michael Neville Hankinson** kiteb *Nunc Dimittis* fuq l-istil modern għal kor b'erba' vuċijiet bl-akkumpanjament tal-orgni. Din il-kompożizzjoni ġiet iddedikata lill-Kor tal-Katidral ta' Hereford.

**William Byrd** (1540-1623) kien kompożitur Ingliż ta' żmien ir-Rinaxximent. Huwa għandu bosta kompożizzjonijiet mużikali li jvarjaw minn polifonija sagra u sekulari għal mużika miktuba għal *keyboard*. Byrd kiteb *Nunc Dimittis* fuq l-istil Rinaxximentali għal kor b'erba' vuċijiet (SATB) bl-akkumpanjament tal-orgni.



Kompożizzjoni oħra bbażata fuq il-Kantiku ta' Xmuni l-profeta hija dik tal-kompożitur ċelebri **Giovanni Pierluigi da Palestrina**. Dan is-salm jifforma parti minn sett ta' tlieta u tletin kompożizzjoni ta' diversi salmi liturġiċi. Dawn il-motetti sagri huma miktuba fuq l-istil Rinaxximentali u ġew ippubblikati għall-ewwel darba fl-1876.

**Sergei Vasilievich Rachmaninoff** (1873-1943) kien kompożitur, pjanista u surmast Russu. Rachmaninoff huwa kkunsidrat wieħed mill-aqwa pjanisti ta' dawk is-snin. Fix-xogħlijiet tiegħu dan il-kompożitur kien jagħmel minn kollox biex jesplora s-sbuħija ta' dan l-istrument. Rachmaninoff kien influwenzat minn Tchaikovsky, Rimsky-Korsakov u kompożituri Russi oħrajn, liema influwenza tidher evidenti fil-kompożizzjonijiet tiegħu, l-aktar fil-mod kif irnexxielu joħroġ is-sbuħija tal-istrumenti f'xogħlijiet orkestrali. In-*Nunc Dimittis* li kiteb huwa wieħed mill-ħmistax-il moviment fix-xogħol imsejjaħ *Vespers Opus 37*. Dan ix-xogħol inkiteb fl-1915 fuq l-istil Romantiku u ġie ddedikat lil Stephan Vasilyevich Smolensky (1848-1909). Din il-kompożizzjoni hija miktuba għal żewġ solisti (kontralto u tenur) flimkien ma' kor b'erba' vuċijiet.



**Henry Purcell** (1659-1695) kien organista Ingliż u kompożitur ta' xogħlijiet sekulari u sagri miktubin fuq l-istil Barokk. Huwa inkluda u għaqqad flimkien elementi stilistiċi mill-Italja u minn Franza fil-kompożizzjonijiet tiegħu. Purcell huwa kkunsidrat wieħed mill-ikbar kompożituri Ingliżi. In-*Nunc Dimittis* li ħallielna huwa naturalment miktub fuq l-istil Barokk għal kor b'erba' jew sitt vuċijiet *a cappella*.




Kompożituri oħrajn li tawna xogħlijiet mużikali bbażati fuq it-test tan-*Nunc Dimittis* jinkludu lil **Orlando di Lasso** (1530-1594), **Hans Leo Hassler** (1564-1612), **Johann Joseph Fux** (1660-1741) u **James Green** (1976- ), fost oħrajn. Dawn in-noti mużikali jgħinuna nifhmu dak li ħass il-qaddis profeta Xmuni meta, fuq idejh imriegħda bil-ferħ, laqa' lill-Haruf Divin fil-jum tal-preżentazzjoni tiegħu fit-Tempju. ♦

***Riferenzi:***

Minnie Gresham Machen, *Nunc dimittis servum tuum: now lettest thou thy servant depart*, f'*The Bible in Browning*, The Macmillan Company, 1903.

*Nunc Dimittis*, f'*The Catholic Encyclopedia*, New York: Robert Appleton Company, 1911.